**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Distrett Naxxar**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Emanuel Camilleri**

**Illum, 19 ta' Frar, 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Emanuel Camilleri, detentur tal-karta tal-identità numru 454959M, li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar it-18 April, 2016, ghal habta ta' 15.30hrs, fi Triq is-Salina, Naxxar, gewwa l-ghalqa tad-Dukkina,

1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

2. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ispettur Roderick Spiteri, ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliex jew fixkel jew indahal lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat il-provi prodotti;

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza, kif ukoll l-atti tal-kawzi li kienu mexjin maghha, u cioè, Pulizija vs Paolo Camilleri, Pulizija vs Norbert Camilleri u Pulizija vs Giuseppe Camilleri, u dana in vista ta' dak ivverbalizzat fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2019.

**Ikkunsidrat;**

**PC 1151 C. Gatt** ipprezenta affidavit minn fejn jirrizulta li fit-18 ta' April, 2016, Norbert Camilleri, Manuel Camilleri u Paolo Camilleri rraportaw li huhom, Giuseppe Camilleri, kien qed jahsad il-qamh bit-*tractor* bin-numru tar-registrazzjoni AAO 581, liema ghalqa kienet tappartjeni lil Paolo Camilleri. Spjega li fl-ghalqa, il-Pulizija sabu lil Giuseppe u martu jahsdu l-qamh. Ikkonferma li l-Ispettur ta ordni lil Norbert Camilleri, Manuel Camilleri u Paolo Camilleri, biex ma jidhlux gol-ghalqa, izda meta kienu qed jigu mitkellma Giuseppe Camilleri u martu, dawn bdew jghidu li l-ghalqa hi taghhom, u li l-qamh kienu zerghuh huma. Spjega li f'dak il-hin, it-tlieta l-ohra dahlu gol-ghalqa, minkejja l-ordni tal-Ispettur, u Paolo beda jxejjer *handbag* li kellu f'idejh, mimli bil-pjanti u mapep tal-ghelieqi, fid-direzzjoni ta' huh Giuseppe. Spjega li qamet konfuzjoni, u kellha tingieb assistenza sabiex twaqqfet il-kommossjoni li nholqot.

**Spettur Roderick Spiteri** xehed li fit-18 ta' April, 2016, ircieva telefonata minn Emanuel, Norbert u Paolo Camilleri, li kien hemm Guzeppi Camilleri jahrat ghalqa li kienet taghhom. Qal li huwa mar fuq il-post u tkellem ma' min ghamel ir-rapport. Spjega li huwa tahom struzzjonijiet biex joqghodu hemmhekk, u ma jidhlux fl-ghalqa, halli jmur ikellem lil Guzeppi Camilleri. Spjega li huwa mar fl-ghalqa, izda l-ohrajn ma obdewhx, fis-sens li gew xorta qrib. Spjega li kien hemm hafna ghajjat miz-zewg nahat. Kienu kwazi gew fl-idejn. Spjega li Paolo kellu basket u ghamel moviment bih lejn Guzeppi. Spjega li ntalbet l-assistenza tal-RIU. Guzeppi Camilleri ma kellux mghazqa f'idejh.

**Giuseppe Camilleri** xehed li huwa jaqbel ma' dak li ntqal fl-affidavit ta' PC Gatt u max-xhieda tal-Ispettur. Spjega li dan sehh fis-sajf, u huwa kien qed jahsad l-ghalqa. Spjega li erba' xhur qabel, huwa kien zera' din l-ghalqa. Kiber il-qamh u mar jaqtghu. Sostna li din ir-raba' kien ilu jahdimha mill-2014. Sostna li l-filmat ezebit, mhuwiex rigwardanti dan l-incident, peress li meta jkun qieghed bit-*tractor*, huwa ma jzommx

l-imghazqa. Dan l-incident, huwa kien bit-*tractor*, imma mhux bl-imghazqa. Huwa zera' l-qamh f'Ottubru.

In kontroezami, huwa kkonferma li l-qamh inzera' f'Ottubru 2015.

**Yvonne Camilleri** xehdet li hija mart Giuseppe Camilleri. Qalet li hija semghet lill-Ispettur jinforma lil Norbert, Emanuel u Paolo biex joqghodu barra mill-ghalqa, izda dawn injoraw l-ordni meta semghuha tghid li Norbert u Leli ma' ghandhomx x'jaqsmu xejn. Spjegat li Pawlu kellu *briefcase* u xejjirha ma' wicc ir-ragel. Spjegat li kellhom jintervjenu tal-RIU. Hija kkonfermat li hija kienet ma' zewgha meta zera' l-qamh f'din l-ghalqa. Hija sostniet li Dok GC 9 ittiehed minnha, u ttiehed zmien qabel dan l-incident.

In kontroezami, hija spjegat li dan ir-ritratt jista' jkun ittiehed meta kienet ghamlet ix-xita, ghax il-haxix kien già tela', jigifieri Novembru jew Ottubru. Qalet li ma tafx f'liema sena haditu r-ritratt. Ikkonfermat li meta jkun hemm bzonn, tiehu r-ritratti.

In riezami, hija sostniet li ma tiftakarx jekk dan ir-ritratt kienx mehud dakinhar li sar iz-zergha, liema zergha kiber, u sussegwentement inhartet dik l-ghalqa partikolari, u saret il-hasda f'April 2016, li dwarha nqala' l-incident.

**Norbert Camilleri** xehed li kien hu li cempel lill-Pulizija ghaliex Giuseppe kien qed jahsad il-qamh ta' Pawlu. Spjega li Pawlu kien talbu li jekk jarah qed jahrat jew jahsad il-qamh, huwa kellu jinfurmah. Spjega li huwa u missieru nghataw struzzjonijiet mill-Pulizija biex jibqghu fejn huma, izda Giuseppe beda jghajjat u jipprovokhom, billi jghid li hemmhekk, ir-raba' kollha tieghu, u huma dahlu fir-raba' fejn il-Pulizja biex jipprovaw ifehmu lill-Pulizija. Giuseppe izda, baqa' jaqbez fin-nofs u jghajjat li hawnhekk huwa jhallsu. Spjega li Giuseppe beda jgholli lehnu. Huwa kkonferma li dakinhar nhasad dak kollu li kien zera' Pawlu. L-ghalqa tinhadem minn Pawlu, u dejjem jispiccaw jaghmlu r-rapporti. Kull darba li raw lil Giuseppe go l-ghalqa, huma marru jaghmlu rapport.

**Paolo Camilleri** xehed li huwa ilu jahdem din l-ghalqa in kwistjoni minn mindu tahielu missieru. Hadd ma jahdimha hliefu. Huwa zera' l-qamh f'Novembru, u mbaghad hasdu Giuseppe. Spjega li dan hasad t'isfel, u mbaghad hasad tieghu wkoll,

ghax ir-raba' qeghdin fejn xulxin. Sostna li l-Pulizija gew fuq il-post u staqsewh jekk ir-raba' kinitx irregistrata fuqu, u huwa mar igib il-karti. Baqa' jinsisti li huwa kien jahdem din l-ghalqa. Spjega li huwa kien staqsa lil Giuseppe kif kien dahal jahrat l-ghalqa tieghu, izda dan baqa' jahrat. Spjega li huh Giuseppe, beda jghidlu li hemmhekk ma kien tahulu hadd. Sostna li dan beda jghajjat kemm jiflah, u kompla jahrat u jahsad. Dak li hasadlu Giuseppe, jiswa madwar €500.

**Emanuel Camilleri** xehed li Pawlu ilu jahdem din l-ghalqa ghal madwar 40 sena. Ir-raba' ta' isfel jahdimha Giuseppi, imma din il-kawza hija dwar l-ghalqa ta' fuq. L-ghalqa ta' fuq dejjem inhadmet minn Pawlu. Il-qamh li nhasad waqt l-incident, kien gie mizrugh minn Pawlu. Sostna li huwa jaf b'dan ghaliex kien ra lil Pawlu jizirghu u hadlu ritratt. Huwa pproduca ritratt li skont hu, ittiehed f'Novembru 2015, liema ritratt ittiehed minn Norbert Camilleri, u juri lil Pawlu jsuq it-*tractor*. Spjega li hu jew Norbert cemplu ghall-assistenza tal-Pulizija fir-rigward ta' dan l-incident. Cemplu ghax Giuseppe kien qed jahsad il-qamh li zera' Pawlu. Spjega li huma stennew isfel, u l-Pulizija qalulhom biex joqghodu hemmhekk, izda Giuseppe beda jghajjat u jitkellem hazin. Spjega li anke huma ghajjtu min-naha taghhom.

**Ikkunsidrat;**

**<u>L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet</u>**

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li gew ippruvati, kemm l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali, javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"*common law*" Ingliza, kien jissejjah "*a breach of the peace*". Bhala regola, ikun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju, li minnu nnifsu, jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat), dwar l-inkolumità fizika ta' persuna, jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil, jew minnhabba l-possibilità ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Fl-Appell Kriminali, "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994], imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "*breach of the peace*"

tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli, li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet : "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk:-

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992), jghidu:-

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term:*

*in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192).*

u dik il-Qorti ziedet tghid li:-

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Ednburgh, 1978):*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).*

U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-

*"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)."*

Mix-xhieda prodotta, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat kien wiehed mill-persuni li kien qieghed volontarjament jikser il-bon ordni u l-paci pubblika, b'ghajjat u storbju.

Gie ppruvat ukoll lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat, minkejja li nghata ordni mill-Ispettur sabiex ma jidholx fl-ghalqa fejn kien hemm Giuseppe Camilleri, xorta wahda ghamel ta' rasu, u resaq lejn il-Pulizija meta dawn kienu qed ikellmu lil Giuseppe Camilleri.

Dan kollu jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija, kif ukoll mix-xhieda moghtija minn Norbert Camilleri, Emanuel Camilleri, Yvonne Camilleri, u kif ukoll mix-xhieda tal-istess imputat.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati, u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u tletin Ewro (€35).**

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur